

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/1989**tas-26 ta' Ottubru 2015****dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' kontinwazzjoni taċ-Ċentru Internazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 31(1) u 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 180 u 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Ottubru 2013, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jiftħu negozjati rigward Ftehim ta' kontinwazzjoni taċ-Ċentru Internazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Euratom"), li jaġixxu bħala Parti waħda, il-Ġappun, il-Georgia, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tal-Armenja, ir-Repubblika tal-Każakistan, ir-Repubblika Kirgiża, ir-Repubblika tal-Korea, ir-Repubblika tat-Taġikistan, u l-Istati Uniti tal-Amerika ("il-Ftehim").
- (2) Dawk in-negozjati ġew konklużi b'suċċess u l-Ftehim ġie inizjalat fit-22 ta' Ġunju 2015.
- (3) Il-konklużjoni tal-Ftehim huwa soġġett għal proċedura separata fir-rigward ta' materji li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Euratom.
- (4) Il-Ftehim għandu jiġi iffirmat fisem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*L-iffirmar fisem l-Unjoni Ewropea ta' Ftehim ta' kontinwazzjoni taċ-Ċentru Internazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim ⁽¹⁾.*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim fisem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kunsill**Il-President*

F. MOGHERINI

⁽¹⁾ It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.